(4) Ir-raba’ motiv ibbażat fuq motivazzjoni insuffiċjenti tad-deċiżjoni kkontestata sa fejn il-Kummissjoni ma spjegatx kif il-kundizzjonijiet imposti fid-deċiżjoni kienu tali li jagħmlu l-iskema kompatibbli minkejja l-konstatazzjoni ta’ inkompatibbiltà tal-metodu ta’ finanzjament.

(5) Il-ħames motiv ibbażat fuq il-ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità sa fejn ir-rikorrenti jsostnu li, meta għażlet li tiddikjara l-iskema ta’ għajnuna kompatibbli u imponiet kundizzjonijiet retroattivi minflok ma sempliċement ikkonstatat l-inkompatibbiltà tagħha, filwaqt li eżentat lir-Repubblika Franċiża milli tipproċedi bl-irkupru tal-għajnuna mingħand il-benefiċjarji, il-Kummissjoni wettqet ksur tal-prinċipju ta’ proporzjonalità.

(6) Is-sitt motiv ibbażat fuq użu ħażin ta’ proċedura u fuq il-ksur tal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 659/1999, sa fejn fit-tmiem tal-proċedura ta’ investigazzjoni formali, il-Kummissjoni tat deċiżjoni kundizzjonali filwaqt li, mhux biss id-dubji tagħha fir-rigward tal-kompatibbiltà tal-iskema ta’ għajnuna ma tneħħewx iżda l-Kummissjoni kisbet il-konvinzjoni li l-iskema kienet inkompatibbli. Hija kisret id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 569/1999 u għaldaqstant, wettqet użu ħażin ta’ proċedura.

---

## Rikors ippreżentat fl-10 ta’ Ġunju 2011 — Buzzi Unicem vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-297/11)**

(2011/C 226/56)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Buzzi Unicem SpA (Casale Monferrato, l-Italja) (rappreżentanti: C. Osti u A. Prastaro, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla fl-intier tagħha d-deċiżjoni kkontestata minħabba nuqqas jew insuffiċjenza tal-motivazzjoni u għalhekk ksur tad-dritt tad-difiża tar-rikorrenti kif ukoll tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba;

— tannulla fl-intier tagħha d-deċiżjoni kkontestata minħabba abbuż u użu ħażin tal-poter li wasslu għall-qlib tal-oneru tal-prova;

— tannulla fl-intier tagħha jew parzjalment id-deċiżjoni kkontestata minħabba abbuż tal-poteri mogħtija mill-Artikolu 18 tal-Kummissjoni, ksur tal-prinċipji tal-proporzjonalità u tal-amministrazzjoni tajba, nuqqas tal-proċedura kontradittorja, bi ksur tal-Aħjar Prattiki (*Best Practices*) tal-Kummissjoni;

— fi kwalunkwe każ, tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

(1) L-ewwel motiv jittratta dwar in-nuqqas jew insuffiċjenza tal-motivazzjoni, il-ksur tad-dritt tad-difiża, il-ksur tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba

— ir-rikorrenti teċepixxi li d-deċiżjoni kkontestata tikser l-obbligu tal-Kummissjoni li tagħti motivazzjoni kif ukoll id-drittijiet tad-difiża tar-rikorrenti peress li ma tiffornixxix jew tforni informazzjoni mhux suffiċċjenti dwar is-suġġett u l-iskop tal-investigazzjoni.

(2) It-tieni motiv jittratta dwar l-abbuż u l-użu ħażin tal-poter u l-qlib tal-oneru tal-prova

— ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni wettqet abbuż u użu ħażin tal-poter minħabba l-fatt li t-talba għall-informazzjoni għandha sservi sabiex tivverifika evidenza li diġà kienet fil-pussess tagħha u mhux sabiex tikkostitwixxi database komplet dwar is-suq, fin-nuqqas ta’ evidenza. Dan jikser ukoll il-prinċipju tal-preżunzjoni tal-innoċenza, li jwassal għall-qlib ċar tal-oneru tal-prova.

(3) It-tielet motiv jittratta dwar l-abbuż tal-poter fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 18 tar-Regolament Nru 1/2003

— ir-rikorrenti ssostni li t-tip tat-talba tal-Kummissjoni tikkostitwixxi abbuż mill-poter mogħti skont l-Artikolu 18, li jgħid li l-Kummissjoni tista’ titlob biss l-informazzjoni neċessarja fir-rigward tal-fatti li l-impriża tista’ tkun taf bihom u li din tal-aħħar għandha tipprovdi d-dokumenti relatati li għandha fil-pussess tagħha.

(4) Ir-raba’ motiv jittratta dwar il-ksur tal-prinċipju tal-proporzjonalità, abbuż tal-poter relatat mal-Artikolu 18

— ir-rikorrenti tikkonstata li d-deċiżjoni kkontestata tabbuża mil-limiti neċessarji previsti fl-Artikolu 18 u tikser il-prinċipju tal-proporzjonalità kemm fir-rigward tal-fatt li titlob informazzjoni li ma hijiex neċessarja, għall-fatt li hija ma għażlitx, minn fost miżuri li kienu iktar xierqa, dik li kienet toħloq l-inqas skariġġ għall-impriża, kif ukoll għall-fatt li t-talbiet huma wisq onerużi għar-rikorrenti.

(5) Il-ħames motiv jittratta dwar ksur tal-Aħjar Prattiki tal-Kummissjoni u tal-prinċipju ta’ amministrazzjoni tajba

— ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kisret l-Aħjar Prattiki tagħha peress li l-ewwel talbet lir-rikorrenti sabiex tikkummenta dwar l-abbozz tad-deċiżjoni kkontestata iżda wara din ma ħadet l-ebda kunsiderazzjoni ta' tali kummenti, anki meta wieħed iqis li d-deċiżjoni kkontestata hija differenti b'mod sinjifikanti mill-abbozz. Barra minn hekk, hija tikkonstata li l-bdil kontinwu fil-mistoqsijiet jikkostitwixxi evidenza ċara tan-nuqqas ta' diliġenza fir-rigward tal-azzjoni tal-Kummissjoni, bi ksur tal-prinċipju tal-amministrazzjoni tajba.

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2011 — Ben Ali vs Il-Kunsill

## (Kawża T-301/11)

(2011/C 226/57)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Mehdi Ben Tijani Ben Haj Hamda Ben Haj Hassen Ben Ali (Tuneż, it-Tuneżija) (rappreżentant: A. de Saint Remy, avukat)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tadottata miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura skont l-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura, intiża għall-iżvelar mill-Kummissjoni tad-dokumenti kollha relatati mal-adozzjoni tar-regolament ikkontestat;

— tannulla r-Regolament (UE) Nru 101/2011 tal-4 ta' Frar 2011, sa fejn jikkonċerna lir-rikorrent;

— fin-nuqqas ta' annullament, tapplika derogi għall-beni finanzjarji bħala bażi, iżda wkoll ċerti spejjeż straordinarji evalwati każ b'każ;

— tordna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jħallas lir-rikorrent somma globali ta' EUR 50 000 bħala kumpens għad-danni differenti li huwa sofra;

— tordna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea jħallas lir-rikorrent somma ta' EUR 7 500 għall-ispejjeż tad-difiża tiegħu insostenn ta' dan ir-rikors;

— tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż kollha.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq in-nuqqas ta' bażi legali suffiċjenti billi l-ewwel nett, is-sanzjoni ma tirrigwardax żżamma jew l-istabbiliment mill-ġdid tal-paċi u s-sigurtà u tikser id-drittijiet individwali tar-rikorrent, it-tieni nett, il-motivazzjoni tad-deċiżjoni fiha inċertezzi u imperfezzjonijiet u, it-tielet nett, il-miżura hija sproporzjonata u mhux iġġustifikata.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq ksur ta' obbligu ta' motivazzjoni peress li l-ewwel nett, l-iffriżar ta' fondi jikkostitwixxi sanzjoni imposta minn korp politiku, it-tieni nett, l-ebda proċedura ta' tħassir ma tissemma' fir-regolament ikkontestat, it-tielet nett, kien hemm ksur tad-drittijiet elementi fundamentali tar-rikorrent f'kull stadju tal-proċedura, u r-raba', il-motivazzjoni ta' miżuri kienet ġenerali, infondata, vaga u impreċiża.

(4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti peress li l-prova tal-involviment tar-rikorrent f'att illegali ma ġietx stabbilita.

(5) Il-ħames motiv huwa bbażat fuq id-dritt ta' proprjetà sa fejn il-miżuri jikkostitwixxu restrizzjoni mhux ġustifikata tad-dritt tal-proprjetà tar-rikorrent.

(6) Is-sitt motiv huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

(7) Is-seba' motiv huwa bbażat fuq id-dritt għall-ħajja peress li l-iffriżar ta' assi ma għandux ikollu bħala effett li jippreġudika l-mezzi tal-għajxien u d-dritt għall-ħajja tar-rikorrent.

## Rikors ippreżentat fis-16 ta' Ġunju 2011 — Alumina vs Il-Kunsill

## (Kawża T-304/11)

(2011/C 226/58)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Alumina d.o.o. (Zvornik, il-Bosnja-Ħerzegovina) (rappreżentanti: J.-F. Bellis u B. Servais, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-dazju antidumping impost fuq ir-rikorrenti mir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 464/2011 tal-11 ta' Mejju 2011 li jimponi dazju antidumping definittiv u li jiġbor definittivament id-dazju provviżorju impost fuq importazzjonijiet tat-trab żeolit A li joriġinaw mill-Bosnja-Ħerzegovina;